

32001R1451

L 198/9

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.7.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1451/2001  
tat-28 ta' Ġunju 2001**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2792/1999 li jippreskrivi regoli u arranġamenti dettaljati dwar  
assistenza strutturali komunitarja fis-settur tas-sajd**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 299(2) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta (mressqa) mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2792/1999 <sup>(4)</sup> jistabbilixxi rati massimi ta' assistenza mill-Istrument Finanzjarju għal Gwida tas-Sajd (IFGS) skond il-limiti preskritti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali <sup>(5)</sup>.
- (2) Madankollu, l-limiti li japplikaw għall-iSFGS jibqgħu taħt id-dispożizzjonijiet speċjali prekritti fir-Regolament (KE)

Nru 1260/1999 għal ċerti kategoriji ta' reġjuni ta' Objettiv 1. Il-limiti applikabbli għall-iSFGS għandhom għalhekk ikunu aġġustati skond id-diffikultajiet speċifiċi ta' kull waħda minn dawn il-kategoriji ta' reġjun. Fir-rigward tar-reġjuni l-aktar 'il bogħod miċ-ċentru b'mod partikolari, huwa meħtieġ li jitqiesu l-fatturi indikati fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat għax dawn jistgħu jkunu ta' ħsara kbira għall-iżvilupp tagħhom.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2792/1999 għandu għalhekk ikun emendat.
- (4) Skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, kull pjan, qafas ta' sostenn tal-Komunita, programm operazzjonali u dokument uniku ta' programmar għandhom ikopru perjodu ta' seba' snin, u l-perjodu ta' programmar għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2000. Fl-interessi ta' għaqda u biex tkun evitata diskriminazzjoni bejn benefiċjarji ta' l-istess programm, id-derogi li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament għandhom, b'mod eċċezzjonali, jkunu applikabbli għall-perjodu ta' l-iprogrammar kollu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

<sup>(1)</sup> ĠU C 96 E, tas-27.2.2001, p. 277.

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2001 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 139, tal-11.5.2001, p. 29.

<sup>(4)</sup> ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10.

<sup>(5)</sup> ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1447/2001 (ara p. 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

## Artikolu 1

It-Tabella 3 ta' l-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 għandha tkun issostitwita bit-tabella li ġejja:

"TABELLA 3

|   | Grupp 1                             | Grupp 2                                   | Grupp 3                                   | Grupp 4                         |
|---|-------------------------------------|---|---|---------------------------------|
| Reġjuni ta' Objettiv 1 (*)  | 50 % ≤ A ≤ 75 %<br>B ≥ 25 %         | A ≤ 35 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 60 %           | A ≤ 35 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 40 %           | A ≤ 75 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 20 % |
| Reġjuni ta' Objettiv 1 li qegħdin fi Stat Membru kopert mill-Fond ta' Koeżjoni      | 50 % ≤ A ≤ 80 %<br>B ≥ 20 %<br>(**) | A ≤ 35 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 60 %           | A ≤ 35 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 40 %           | A ≤ 75 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 20 % |
| Reġjuni l-iktar 'il bogħod miċ-ċentru   | 50 % ≤ A ≤ 85 %<br>B ≥ 15 %<br>(**) | A ≤ 40 %<br>B ≥ 10 %<br>C ≥ 50 %<br>(***) | A ≤ 50 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 25 %<br>(****) | A ≤ 75 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 20 % |
| Gżejjer Griegi 'l bogħod li huma taħt żvantaġġ dovut għal-lokalita mbiegħda tagħhom | 50 % ≤ A ≤ 85 %<br>B ≥ 15 %<br>(**) | A ≤ 35 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 60 %           | A ≤ 35 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 40 %           | A ≤ 75 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 20 % |
| Żoni oħrajn   | 25 % ≤ A ≤ 50 %<br>B ≥ 50 %         | A ≤ 15 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 60 %           | A ≤ 15 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 60 %           | A ≤ 50 %<br>B ≥ 5 %<br>C ≥ 30 % |

(\*) Inklużi dawk li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

(\*\*) Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti tar-reġjuni li jinsabu fil-lista 'Objective 1', u f'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati.

(\*\*\*) Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti tar-reġjuni li jinsabu fil-lista 'Objective 1', u għal-dgħajjes ta' mhux iktar minn tnaħ-il metru tul minbarra kajjikki, dejjem jekk id-dgħajjes huma reġistrati f'portijiet 'il bogħod u remoti u li jistadu f'dawk l-ibha għal aktar minn ħames snin.

(\*\*\*\*) Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti tar-reġjuni li jinsabu fil-lista 'Objective 1', u f'kumpaniji bi skala żgħira ta' ekonomija jiġu definiti fil-programm kumplimentari ta' Artikolu 19(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

Fil-każ ta' investiment f'negozji żgħar jew ta' qies medju fit-tifsira tar-Rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni 96/280/KE (1) ir-rati (A) għal gruppi 2 u 3 jistgħu jiżdedu b'ammont għal għamliet ta' finanzjament oħrajn barra minn assistenza diretta, sakemm din iż-żieda ma teċċedix l-10 % tas-siwi totali eliġibbli. Il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju privat għandha titnaqqas skond dan.

Deskrizzjoni sommarja tad-derogi li jipprovdi għalihom l-ewwel subparagrafu għandha tkun inklużi fil-programmi operazzjonali jew dokumenti uniċi ta' programmar fiż-żoni konċernati li jirreferu għalihom fl-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

(1) ĠU L 107, tat-30.4.1996, p. 4."

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-28 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

B. ROSENGREN